9 ta' Ġunju, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Il-Pulizija *versus* Henry G. L. Jones et.

**"Meeting" — "Microphone" — "Loudspeaker" — "Discussion" — Art. 2 tal-Kap. 108.**

*Meeting pubbliku jfisser ġemgħa ta' iżjed minn għoxrin ruħ miġburin flimkien biex jiddiskutu ħwejjeġ pubbliċi fi triq jew pjazza pubblika, f'post publiku għall-beraħ, jew ġewwa bini jew club li fihom il-publiku, jew dawk li ma humiex membri, jistgħu jidħlu.*

*Għaldaqstant min jitkellem ġewwa post magħluq fejn il-publiku mhux ammess u lanqas jista' jidħol, ma jistax jingħad li għamel meeting publiku, avvolja jkunu saru diskussjonijiet jew konferenzi politiċi jew elettorali.*

*Jekk imbagħad id-diskors isir minn ġewwa fuq "microphone" ikkomunikat ma' "loudspeaker" poġġut barra t-triq, il-fatt li min ikun jitkellem ikun ġewwa jista' taħt ċerti ċirkustanzi jammonta għal meeting publiku; imma jibqa' dejjem meħtieġ li l-iskop tal-

*ġemgħa jkun id-diskussjoni, u li fil-fatt id-diskussjoni li tkun saret tkun diskussjoni fuq ħwejjeġ publiċi.*

"*Diskussjoni*"—"*discussion*"— *hija kelma li timplika l-eżami u r-riċerka, bejn żewġ persuni jew iżjed, ta' suġġett li fuqu jista' jkun hemm diversità ta' opinjoni, biex wieħed jasal għal deliberazzjoni dwaru.* . ...

Il-Qorti, — Fuq l-akkuża miġjuba kontra Henry G.L. Jones u Toni Cini, talli kienu promuturi ta' meeting publiku li sar fit-18 ta' April 1951, wara nżul ix-xemx, fi Triq Skappuċċina, iż-Żebbuġ, Għawdex, b'kontravvenzjoni ta' l-art. 3, 4, 6, 7, 8 u 10 tal-Kap. 108 tal-Liġijiet ta' Malta (Public Meetings Ordinance), il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Gudizzjarja ta' Għawdex, b'sentenza ta' l-ewwel ta' Mejju 1951, sabet lil Henry G.L. Jones u Toni Cini ħatja talli kienu promuturi ta' meeting publiku li sar fit-18 ta' April 1951, wara nżul ix-xemx, fi Triq Skappuċċina, iż-Żebbuġ, Għawdex, li tiegħu ma ġiex mogħti avviż bil-miktub lill-Kummissarju tal-Pulizija, b'kontravvenzjoni ta' l-art. 3, 4, 6, 7, 8 u 10 tal-Kap. 108; u wara li rat l-art. 3, 4, 6, 7, 8 u 10 tal-Kap. 108, ikkundannat lil kull wieħed mill-imsemmija Henry Jones u Toni Cini għall-piena tad-detenzjoni għal żmien jumejn;

L-imputati appellaw minn dik is-sentenza quddiem dina l-Qorti;

Il-Qorti rat l-attijiet tal-kawża, u semgħet l-avukati ta' l-appellanti u l-Avukat tal-Kuruna;

Mill-provi rriżulta li l-imputat Jones ried jagħmel meeting fiż-Żebbuġ ta' Għawdex, fit-18 ta' April li għadda, iżda permess tal-Kummissarju tal-Pulizija ma kellux. Intant huwa mar għand l-imputat Cini, ħa miegħu ħamsa jew sitta minn nies, ingħalaq magħhom f'kamra b'microphone ikkumnikat ma' loudspeaker poġġut fit-tieqa għal barra, u ripetutament qal diskors quddiem il-microphone bit-tieqa magħluqa, iżda b'mod li kien jinstama' minn barra fit-triq, fejn inġemgħu mal-mitt ruħ. Id-diskors li qal, u li kien jinstama' minn barra, skond ix-xhud P.C. Salvu Vella, kien:— "Il-partit ta' Jones javża lin-nies ta' hawn ġewwa u ta' barra biex ikunu jafu li nhar il-Ħadd, fl-10 a.m., Jones sejjer jagħmel meeting il-piazza; biex in-nies, il-ħbieb u l-bdiewa jkunu jafu kif

jivvutaw u għal min jivvutaw, mhux għal dawk in-nies li qegħdin jiġu fil-ħwienet iħallsu x-xorb". Kliem ieħor mill-loudspeaker u min nu barra ma nstemgħax;

L-Ewwel Qorti rriteniet li f'dak id-diskors u f'dawk iċ-ċirkustanzi l-imputat Jones għamel meeting pubbliku fis-sens ta' l-art. 2 tal-Kap. 108 tal-Liġijiet; u peress illi l-imputat l-ieħor kien miegħu u silfu l-lokal, l-Ewwel Qorti waslet fil-konklużjoni li anki l-imputat Cini huwa ħati bħala wieħed mil-promuturi ta' meeting publiku illegali;

Skond l-art. 2 tal-Kap. 108, "meeting" jew "meeting pubbliku", ifisser ġemgħa ta' iżjed minn għoxrin ruħ, miġburin flimkien biex jiddiskutu ħwejjeġ publiċi, fi triq jew pjazza publiċi, u f'post publiku fil-beraħ, jew ġewwa bini jew club li fihom il-publiku jew dawk li ma humiex membri jistgħu jidħlu;

Fil-każ ta' l-imputati, in kwantu Jones tkellem ġewwa, dan ma jistax jiġi kunsidrat bħala meeting publiku, anki jekk saru diskussjonijiet jew konferenzi politiċi jew elettorali; għaliex il-post kien magħluq, u l-publiku ma kienx ammess u lanqas seta' jidħol. Għaldaqstant jonqos wieħed mill-elementi essenzjali meħtieġa mill-liġi biex ikun hemm meeting fis-sens tad-dispożizzjoni fuq imsemmija;

Kwantu għad-diskors li jsir minn ġewwa fuq microphone ikkumnikat ma' loudspeaker poġġut barra għat-triq, il-fatt li min ikun qiegħed jitkellem ikun qiegħed ġewwa, u mhux fil-preżenza tan-nies li jkunu qegħdin jisimgħu, jista' taħt ċerti ċirkustanzi jammonta wkoll għal meeting; iżda, biex ikun hemm meeting, jeħtieġ illi l-iskop tal-ġemgħa jkun id-diskussjoni, u fil-fatt tkun saret diskussjoni fil-publiku, fuq ħwejjeġ pubbliċi. Dan huwa element essenzjali għall-finijiet tal-liġi, u mingħajru ma jistax ikun hemm ir-reat kontemplat fl-akkuża. Għalhekk fil-każ speċifiku ta' l-imputati, wieħed irid jeżamina jekk kienx hemm diskussjoni, u, kif igħid it-test Ingliż tal-liġi, "public discussion";

Odhams — "Dictionary of the English Language" — fil-fol. 322 ifisser il-kelma "discussion" — "the act of discussing; the state of being discussed; an argument, debate, a mutual consideration of a problem"; u jfisser il-kelma "discuss" — "to debate, to argue about, to consider (a topic)

in all its aspects and implications, to examine the various points of view about a subject upon which diversity of opinion is possible". Il-Premoli jfisser il-kelma "discussione", u jgħid li hi "esame, ricerca fatta fra due o più persone, del pro o del contro, per deliberare o no in una quistione, un affare, ecc." (Il Nomenclatore Scolastico o Vocabolario delle Idee);

Il-Qorti ma għandhiex bżonn issemmi awtoritajiet lingwistiċi oħrajn, għaliex fuq is-sinifikat tal-kelma "diskussjoni" d-dizzjunarji kollha jaqblu li l-kelma "diskussjoni" għandha s-sinifikat imsemmi fiż-żewġ kotba li ġew ċitati, kompriżi dawk ċitati fis-sentenza appellata;

Il-kliem li qal Jones f'dik l-okkażjoni per mezz talloudspeaker għal barra, u li ġew riportati testwalment aktar 'l fuq, bl-ebda sforz ta' l-immaġinazzjoni ma jistgħu jiġu kunsidrati bħala diskussjoni, u ma kienux ħlief avviż ripetut ta' meeting li kellu jsir darb'oħra, u l-ebda kwistjoni publika ma ġiet eżaminata u diskussa. U tabilħaqq, mhux kull ma jingħad fil-publiku huwa diskussjoni. Il-Qorti tosserva li f'materja penali, u f'liġijiet restrittivi tal-libertajiet fondamentali politiċi taċ-ċittadini, ma hijex ammissibili ħlief l-interpretazzjoni restrittiva;

Taħt iċ-ċirkustanzi fuq rilevati ma jikkonkorrux l-elementi tar-reati li tagħhom ġew akkużati l-imputati;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lil-imputati.